Ref: 16/6/194/13

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru. 16 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-knisja, Paola nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2013. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio w il-Kunsillier Tyrone Muscat.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima w il-Kunsillier Raymond Attard kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Il-Kunsillier Steven Axisa dahal fis-6.30pm.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .15 tas-Sitt Legislatura**

**Korrezzjonijiet**

1.1 - Re: Item 3 – irid jizdied nru 3.3 – Il-Kunsillier Tyrone Muscat ppropona li jinbeda l-process biex issir statwa hdejn id-dahla tac-Cimiterju. Il-Kunsill approva.

1.2 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**2) Korrispondenza**

2.1 – Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Id-Direttur, is-Sur Carmel Abela baghat ittra rigward Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Progetti Specjali fejn qed jinforma lil kunsill li l-applikazzjoni tal-progett ta' Gnien Wied Blandun ma gietx accettata.

2.2 – Ittra mill-MIA – Is-Sur Reuben Sciberras baghat ittra dwar *Re: Corporate Social Responsibility (CSR) – call for Social Initiatives* 2013 fejn qed jinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-progett ma gietx accettata.

2.3 – Ittra mill-Kunsillier Ray Attard biex issir *sleeping policeman* fi Triq Tax-Xewk u biex il-Kunsill jibghat ittra lir-residenti ta’ dawk l-inhawi biex ma johorgux skart domestiku fil-ghaxija ghax qed ikun hemm hafna grieden u li f’din l-ittra ghandu jitnizzel li min jinqabad johrog l-iskart filghaxija jigi mharrek. Wara diskussjoni, gie deciz li din issir bi qbil mar-residenti.

2.4 – Ittra mis-Sur Johann Said ghal permess biex jintrama’ c-cirku hdejn ic-Cimiterju mis-Sibt 7 ta’ Dicembru 2013 sal-Hadd 5 ta’ Jannar 2014. Wara diskussjoni, gie deciz li bhal ma gara d-darba ta’ qabel, ghandha tintbaghat ittra lis-Sur Said li l-Kunsill Lokali Paola ma jaqbilx ghax dan mhux il-post addattat fejn jintrama’ c-cirku.

## 3) <u>Tenders</u>

3.1 – Is-Sindku qal li ser jaghlqu t-tenders tal-Knis u *Public Convenience* u ghalhekk ser ikollna naghmlu sejha.

3.2 – Il-Kunsillier Axisa dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

3.3 – Wara diskussjoni sar qbil li tinhareg is-sejha ghat-tender tal-Knis u *Public Convenience* kif ukoll li s-Sindku, il-Kunsilliera Lynch u Delezio jkunu parti mill-*adjudication board*.

3.3.1 - Il-Kunsillier Axisa ssuggerixxa li l-Kunsill jaghzel 2 persuni mill-pubbliku biex ikunu parti mill-bord tal-ghazla tat-tenders u li ghandu jitwahhal avviz ghall-pubbliku fin-*notice boards* kollha li kull min hu nteressat ghandu jikkuntattja jew jibghat e-mail lill-Kunsill dwar dan sal-ahhar ta’ Jannar 2013. Il-membri approvaw.

3.4 – Il-Kunsillier Steven Axisa u l-Kunsilliera Rita Delezio staqsew meta ser issir il-laqgha mar-residenti ta’ Triq il-Qalb ta’ Gesu’. Is Sindku qal li ser issir nhar il-Gimgha1 ta’ Frar 2013 fis-6:00pm.

3.4.1 – Is-Sindku qal li hu jixtieq li kull nhar ta’ Gimgha filghaxija, jibdew isiru laqghat ta’ konsultazzjoni mar-residenti dwar *Timed Parking Scheme* u li jixtieq jibda minn Triq il-Qalb ta’ Gesu u li waqt il-laqghat jsir il-café u l-gallettini.

3.5 – Il-Kunsilliera Delezio qalet li l-*bus shelter* ta’ hdejn il-Habs ghandu l-gnub nieqsa. Sar qbil li jerga’ jsir rapport lil TM.

3.6 – Il-Kunsillier Muscat qal li hu u s-Sindku kellhom laqgha mas-Sur Morales fejn wera x-xewqa li jaghmel Wirja ta’ Kurcifissi ghall-Gimgha l-Kbira. Saret proposta li din issir f’Casa Flamini.

3.7 – Il-Kunsillier Muscat kompla jghid li l-funtana ta’ Gnien Pawlu Boffa mhux qed tahdem u hemm bzonn innaddfuha, u li jekk ha tibqa bil-hsara hemm bzonn li naraw x’naghmlu. Hu zied jghid li l-gimgha d-diehla ser isiru xi xoghlijiet fil-Paola Bocci Club.

3.8 – Is-Sindku qal li dwar l-‘*expression of interest – Setting Up, printing and distribution of the Council Magazine’* dahlet offerta 1 biss, dik tas-Sur Chrysander Agius u s-Sur Daniel Chircop. Wara diskussjoni, gie deciz li tintghazel din l-offerta u li tintbaghat ittra fejn il-Kunsill jinfurmahom b’dan u biex jikkuntattjaw lil Kunsillier Lynch ghal aktar informazzjoni sabiex jinbeda l-process ghall-ewwel edizzjoni tal-magazin Lehen Paola.

3.9 - Il-Kunsillier Muscat hareg mil-laqgha fis 7.50pm.

3.10 – Is-Sindku qal li rcieva hafna lmenti dwar l-*iscammels* li hemm fil-grawnd tas-Schreiber. Hu qal li hu personali mar kemm-il darba fil-grawnd u ma sab xejn hazin.

3.10.1 – Il-Kunsillier Axisa kkonferma dan u qal li hu mar ukoll u qatt ma sab xejn hazin.

3.10.2 – Is-Sindku qal li diga’ kellem lill-kuntrattur u qallu biex isib post alternattiv iehor. Sar qbil wkoll li tintbghat ittra ufficjali mill-Kunsill sabiex il-Kuntrattur inehhi l-*iscammels* mill-ground ta’ Pace Grasso.

3.11- Il-Kunsilliera Delezio qalet li *Jonathon’s Take-Away* jixtieq li ssir skip fi Triq Maria Addolorata hdejn il-hanut tieghu. Ma gietx approvata.

3.12 – Il-Kunsilliera Delezio staqsiet kif bqajna dwar l-ikel tal-haddiema ta’ CCF u staqsiet ukoll meta gejjin l-persuni tal-At Fort. Is-Sindku ta d-dettalji necessarji lill-Kunsilliera Delezio.

## 4) <u>Aggornament</u>

4.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm. Aggornament ma sarx.

Approvati llum ___________________________

| | |
|---|---|
| ___________________ | ___________________ |
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |